MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 14/2001/1

**Avviz numru 14/2001**

**John Cremona**

**-vs-**

**George Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ta’ l-attur li permezz tieghu talab illi l-konvenut ihallas is-somma ta’ tliet mija u ghoxrin lira Maltin (Lm320) dovuti lilu bhala bilanc minn somma akbar bhala hlas ta’ parts u xoghol ta’ tiswija li sar fuq il-vettura tieghu mill-attur fuq inkarigu ta’ l-istess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tad-9 ta’ Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001).

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qieghed jigi ngunt.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Grech fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-azzjoni attrici hija kolpita bil-presekrizzjoni ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, lill-attur m'huwa dovut l-ebda flus u jekk jirrizulta illi huwa dovut xi flus, l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak pretiz.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-avviz isemmi pendenza ta' Lm320 ta' 'parts' u xoghol ta' tiswija fuq vettura li m'hijiex specifikata. Il-bazi tal-ammont reklamat pero' jirrizulta mix-xhieda ta' l-attur fejn spjega illi kien esegwixxa, fuq inkarigu tal-konvenut, xoghlijiet fuq zewg vetturi, wahda tal-ghamla Golf, u l-ohra tal-ghamla Austin Cambridge. Esebixxa zewg fatturi li juru li l-ammont globali reklamat minnu jikkonsisti kwantu ghal sitta u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm86.60) bilanc fuq xoghol rigwardanti l-vettura tal-ghamla Golf u kwantu ghal mitejn u erbgha u tletin lira Maltin (Lm234) xoghol fuq l-Austin Cambridge. Dwar meta sar ix-xoghol l-istess attur afferma li l-ewwel ghamel ix-xoghol fuq il-Golf u 'preciz wara' fuq l-Austin Cambridge u l-ahhar xoghol sar fis-sena 2000. Stqarr illi bejn xoghol u iehor, jigifieri fuq il-Golf u l-Austin Cambridge, kien hemm bejn sitt xhur u sena. Dan hu kontradett mill-konvenut li sostna li ghalkemm veru x-xoghol sar skond is-segwenza li qal l-attur, sar izda, fis-

sena 1998. Eccepixxa, f'dan is-sens, l-preskrizjoni ta' tmintax-il xahar a bazi tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16. Eccepixxa wkoll, subordinatament u bla pregudizzju, li hu m'ghandu jaghti xejn u jekk jirrizulta illi hemm dovut xi flus, l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak li qieghed jigi pretiz.

Fl-ipotesi tal-preskrizzjoni sollevata huwa dottrinalment stabbilit li in linea generali hija mod ta' estinzjoni tad-dritt. Fl-*Appell* deciz fit-*28 ta' April, 2004,* fil-kawza *Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma –vs- Oil and Construction International Limited"* inghad li ' fil-kaz li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita hi dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interuzzjoni jew is-sospensjoni tal-perjodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parti tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kinitx applikabbli ghall-kaz'. Fil-kuntest ta' din il-kawza l-attur ma ssodisfa l-ebda wiehed minn dawn il-kriterji anzi jidher bhala aktar verosimili dak li jsostni l-konvenut li x-xoghol kien esegwit ferm qabel is-sena 2000 u aktar wisq probabbli fis-sena 1998. Sa hawnhekk il-preskrizzjoni kienet treggi, u fil-fatt il-Qorti sodisfatta li in kwantu l-pagament hu mitlub fuq xoghol rigwardanti l-vettura tal-ghamla 'Golf' il-preskrizzjoni treggi u hi sostenibbli. Izda mhux wkoll fuq l-import ghax-xoghol mitlub koncernanti l-vettura Austin Cambridge. Ir-raguni ghal dan hi li l-konvenut fix-xhieda tieghu stqarr illi hu m'ghandu jaghti xejn fil-konfront ta' xoghol esegwit fuq il-Golf izda mhux hekk fil-konfront tal-Austin Cambridge fejn stqarr li meta gabar il-vettura, lill-attur ma halsu xejn; li l-kont gie pprezentat lilu sentejn wara; li hu rrifjuta li jhalsu ghaliex rah esagerat anki minhabba li kellu jirrikorri ghand mechanic iehor minhabba l-gasket (xhieda fol 18 l-ahhar versi u 19). Minn dan isegwi li l-konvenut innifsu rrinunzja ghall-preskrizzjoni fir-rigward l-import dovut fuq l-Austin Cambridge stante li meta debitur ma jinnegax in sustanza l-obbligazzjoni, izda biss jiddiskuti l-modalitajiet taghha, jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni (ara *Appell deciz fl-1 ta' Ottubru 1927 fl-ismijiet Camilleri –vs- Mangion – Vol.XXVI.i.441).* Tabilhaqq wkoll l-Artikolu 2160 tac-citat Kap 16 b'referenza ghall-preskrizzjonijiet

brevi jistabilixxi l-forma tal-gurament decizorju li l-konvenut tenut li jiehu. Dan l-artikolu jiddisponi zewg forom:  li l-konvenut jiddikjara li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk hallas. Ghalhekk mhix sostenibbli l-preskrizzjoni fil-konfront tal-ammont pretiz mill-attur fir-rigward l-Austin Cambridge.

Jonqos ghalhekk f'dan l-istadju li tigi vestita t-tieni eccezzjoni li fiha l-konvenut issottometta li m'ghandux jaghti u f'kull kaz l-ammont huwa ferm inqas minn dak pretiz.   Fil-kuntest ta' din l-eccezzjoni l-Qorti gja affermat illi l-import rigwardanti s-sitta u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm86.60) jinsab kolpit bil-preskrizzjoni u ghalhekk mhux dovut.   Fir-rigward il-bilanc kien jispetta lill-konvenut li jipprova dak li kien qieghed jallega. Billi dan m'ghamlux isegwi li limitatament ghal dan l-bilanc dan hu dovut ben intiz li l-attur, mill-banda l-ohra, ipprova li x-xoghol effettivament ghamlu fl-ammont tal-fattura esebita minnu. F'dan il-kuntest,   ghalhekk,  l-ammont ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin (Lm234)  irid jithallas.

Ghaldaqstant tiddeciedi fuq dak hawn fuq espost illi:

i. fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 li tilqaha limitatament ghas-somma ta' Lm86.60 u tichadha fir-rgward il-bilanc ta' Lm234.

ii. Fuq it-talba attrici tilqahha limitatament ghas-somma ta' Lm234 u konsegwentement tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut.

In kwantu ghall-ispejjez tordna li jigu sopportati kwantu ghall-terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------